MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 154/2012

**Float Glass Limited**
**(C 17222)**

**vs**

**Fithome Creative Interiors Limited**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-30 ta' April 2012 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta' erba' t'elef, mija u sitta u erbghin Ewro, hamsa u sebghin centezmu (€4,146.75) rapprezentanti prezz ta' hgieg mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta konvenuta.

Bl-ispejjez u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta li hija ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal-kawza u l-Avviz propjru gew notifikati lis-socjeta konvenuta fis-17 ta' Mejju 2012, u dana skond ir-riferta pozittiva tal-Marixxal Marco Bonnici datata 23 ta' Mejju 2012 (fol 4 tergo).

Illi fis-seduta tat-12 ta' Lulju 2012 gie ipprezentat kapitolu fil-konfront tas-socjeta konvenuta (fol 6), u l-kawza giet differita ghas-subizzjoni ghas-17 ta' Settembru 2012.

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Settembru 2012, rapprezentant tas-socjeta konvenuta giet imsejjha izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba ta'l-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' t'elef, mija u sitta u erbghin Ewro, hamsa u sebghin centezmu (€4,146.75) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta w bl-imghaxijiet legali skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------